MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2009

Numru. 1050/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**GIOVANNA MARIA VELLA k/a Janet bint Guzeppi Refalo u Katerina nee' Haber, imwielda x-Xewkija, Ghawdex u toqghod 184, Sammat Street, Tarxien detentrici tal-karta ta'l-identita bin-numru 21535(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputata Giovanna Maria Vella giet akkuzata talli fl-10 ta' Awissu 2006 ghal habta tas-6:50p.m. gewwa Triq Sammat, Tarxien ikkawzat hsara volontarja fuq vettura bin-numru BAT338 tal-ghamla Hyundai ghad-dannu ta' Joe Grech, liema hsara teccedi il-Lm50, imma inqas minn Lm100.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali tal-23 ta' Jannar 2007 sabiex dana l-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza

Ikkunsidrat;

Illi minn ezami ta'l-atti processwali jirrizulta illi l-unici zewg persuni li kienu prezenti meta sehhet l-allegata hsara fuq il-vettura tal-parti leza huma certu Jeffrey Pulis, u l-imputata. Illi x-xhieda ta' dawn it-tnejn minn nies hija wahda konfliggenti ghaliex ghalkemm Pulis ighid illi huwa ra lill-imputata b'ghajnejh mill-gallarija tar-residenza tieghu qieghda tobrox il-vettura ta' Joseph Grech u anke sema il-hoss ta' thaxkin tac-cwievet mal-vettura. L-imputata min-naha taghha tichad dana kollu u issostni illi fil-mument meta hija ghaddiet minn hdejn il-vettura ta' Grech hija ma kellhiex cwievet f'idejha ghaliex l-uniku cavetta li kellha kienet tal-bieb ta' barra u wara li harget mid-dar u ghalqet il-bieb, hija tefghet ic-cavetta fil-portmoni.

Illi ghalhekk essenzjalment il-prosekuzzjoni ressqet xhud wiehed biss okulari ghall-incident mertu tal-kawza. Ix-xhieda l-ohra migjuba mill-prosekuzzjoni, inkluz il-vittma innifsu ma kienux prezenti meta sehh l-allegat reat. Joseph Grech, il-parti leza jikkonferma illi kien Jeffrey Pulis illli infurmah illi kien ra lill-imputata qieghda tobroxlu l-vettura. Huwa jikkonferma illi meta mar biex jara l-vettura tieghu fil-fatt osserva illi kien hemm barxa fil-vettura fil-post fejn indika Pulis li kien ra lil Vella qeghda tobrox il-vettura. Dana ukoll huwa ikkonfermat mill-pulizija li raw il-vettura u ikkonstataw illi kien hemm il-barxa indikata minn Grech fuqha.

Illi il-prosekuzzjoni resseqet ukoll lil certu Charles Mizzi li irrilaxxja l-istima tal-hsara esebita a fol.4 tal-process fejn huwa jikkonferma illi kien ra barxa fuq il-mudguard tan-naha tax-xellug, izda ix-xhud ma kienx f'posizzjoni

jikkonferma illi il-girfa li ra kienet l-istess whada li giet murija lilu fir-ritratti esbiti bhala Dokument JV5. Madanakollu min ezami akkurat tad-Dokument imsemmi u cioe' l-istima esebita a fol.4 tal-process tinghata s-segwenti deskrizzjoni tal-hsarat: "remove scratches from both rear wings and spray. Left rear door scratch was removed with polish." Illi minn din id-deskrizzjoni jirrizultaw zewg affarijiet u cioe' fl-ewwel lok illi fuq il-vettura kien hemm xi brix iehor u li fil-fatt ghalhekk l-istima tista tikkomprendi fiha stima ta' xi hsara ohra, u fit-tieni lok, il-girfa li kien hemm fuq in-naha tax-xellug, fejn l-imputata allegatament girfet dina l-vettura, dina giet imnehhija permezz ta' xi polish. Illi mix-xhieda ta' Jeffrey Pulis, in kontro-ezami fil-fatt johrog il-fatt illi dina l-vettura (li donnu Pulis kien jafha sewwa), kienet involuta f'xi incident iehor qabel.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula ghalhekk tohrog konfliggenza shiha fil-provi li jinsabu fl-atti processwali kemm dwar id-dinamika ta'l-incident fejn dak li ighid Pulis huwa kompletament michud u kontradett mill-imputata, kif ukoll ghar-rigward ta'l-allegat hsara li giet ikkagjonata f'dina il-vettura u cioe jekk l-istima esebita mill-imputat li abbazi taghha inharrget l-akkuza fil-konfront ta'l-imputata, tirriflettix biss l-hsara allegata minnu kagjonata mill-imputata, jew tinkludix xi hsara ohra u jekk fil-fatt il-girfa li kien hemm fuq in-naha tax-xellug gietx effettivament imnehhija o meno.

Illi fuq skorta tal-gurisprudenza kopjuza tal-qrati taghna: ***"fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat beyond reasonable doubt. Min-naha l-ohra id-difiza msahha bil-presunzjoni ta'l-innocenza ta'l-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita', jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le. Dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi***

***dubbju ragjonevoli, il-prosekuzzjoni tigi ikkunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera."*** (Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina – 24/04/2003 Appelli Kriminali sede superjuri )

Ghaldaqstant, il-Qorti minhabba konflitt fil-provi qieghda tillibera lill-imputata mill-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------